# Disa' Mostin imfakkra għal dejjem fir-Razzett tal-Markiż

*Mario Bugeja – Segretarju tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti*



Il-Mosta kellha matul il-mixja taż-żmien, ulied li għamlulha ġieħ, min b'mod u min b'mod ieħor. F'kull qasam tal-ħajja u f'kull fergħa tal-arti, fil-politika u fl-edukazzjoni, il-Mosta kellha fl-imgħoddi rġiel u nisa li jagħmlulha unur, kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn xtutna.

Dawk kollha li huma meqjuma b'ġieħ fil-Monument tal-Qalbiena Mostin, huma wlied il-Mosta li bil-prezz ta' ħajjithom ħallsu biex dawk kollha li jiġu warajhom isibu Mosta aħjar u isbaħ!

Barra minnhekk, fl-imsieraħ u fit-toroq ta' madwar il-Mosta tiltaqa' ma' monumenti u bustijiet li jfakkru personaġġi Mostin li jkunu għamlu ġieħ lill-komunità li fiha trabbew u għexu, fejn xi wħud minnhom għamlu isem fuq livell nazzjonali.

## Tmintax-il bust

Permezz ta' dan l-Annwal se nagħtu titwila lir-Razzett tal-Markiż li jinsab fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel. F'dan iċ-Ċentru Kulturali b'għan filantropiku, insibu xejn inqas minn 19-il bust, li jfakkru f'persuni magħrufa fil-qasam tal-kultura u l-ġenerosità lejn il-komunità. Kien proġett li evolva fuq numru ta' snin u li bih l-Għaqda Filantropika Talent Mosti, irċeviet bosta kummenti ta' inkoraġġiment u r-rispett mill-familjari u l-qraba ta' dawn il-persuni għeżież, għal din l-inizjattiva nobbli. Imbagħad hemm aspett ieħor importanti fit-tifsil ta' dan il-proġett. Dak li l-Għaqda, offriet opportunità lil numru ta' artisti Maltin, kemm stabbiliti u oħrajn li għadhom jibdew jimirħu fil-karriera artistika. Hi tradizzjoni tal-Għaqda li f'kull inawgurazzjoni ta' dawk l-imfakkra, jitħejjew serati kommemorattiva f'ġieħ il-personaġġi magħżula u b'hekk, titbexxaq tieqa fuq il-ħajja mlewna tagħhom, għall-għarfien tal-udjenza miġbura.

## Disa' Mostin

Minn dawn it-18-il mafkar se niffukaw b'mod partikolari fuq disgħa minnhom. Disa' Mostin, li ċertament hemm min jiftakarhom sew għax għexu magħna fi żminijietna u oħrajn, li għexu u mietu qabilna. Mostin li bil-mod personali tagħhom, kitbu l-istorja tal-Mosta mhux biss bil-kitba, imma wkoll b'ħajjithom stess. Dan il-kuntest dwar dawn il-personaġġi jista' jitqies bħala wieħed mill-ingredjenti li flimkien ma' oħrajn, jibnu u jifirxu l-*Mustensia*, jiġifieri l-istudju ta' dak kollu relatat mal-lokalità tal-Mosta li minn raħal ġwejjed trasformat ruħhu f'belt urbana fiċ-ċentru ta' Malta. Il-passat tagħhom u ta' bosta oħrajn, hu l-identità tagħna llum. Għalhekk, kull ċittadin għandu jkun imgħarraf fuq l-imgħoddi ta' ġensna biex hekk, jitqanqal ħalli jinvolvi ruħu f'ħidma komunitarja biex jassigura futur sabiħ u mimli sens ta' komunità.

Mela issa wasal il-waqt li naraw min tassew kienu u għaliex kien ħaqqhom li jitwaqqfu l-bustijiet f'ġieħ il-memorja għażiża ta' kull wieħed minnhom. Se nimxu skont id-data tat-twelid ħalli b'dan il-mod, il-qarrej ikun jista' jibni f'moħħu parti mill-mixja tal-Mosta matul iż-żminijiet.



## Carmelo Dimech (1883-1958)

Karm Dimech twieled il-Mosta lejn l-aħħar tas-seklu dsatax. Madwar l-1900, meta kien għadu fil-fjur ta' żgħożitu, emigra lejn l-Amerka. F'dawk iż-żminijiet eluf ta' emigranti minn kull naħa tad-dinja rħewla lejn dan il-kontinent biex fih isibu ġejjieni ta' suċċess. Hemmhekk

is-Sur Karm beda jamministra n-negozju li qabel kien ta' zijuh. F'din l-art tal-ħolm, sab xortih u reġa' ġie lura f'art twelidu sinjur. Hu baqa' għażeb tul ħajtu kollha.

Dan il-patrijott Mosti jibqa' msemmi għall-ġenerożità kbira tiegħu li bi flusu żejjen b'opri tassew sbieħ u ta' preġju artistiku kbir lis-santwarju u Bażilika tal-Mosta, dik il-knisja maħbuba ta' qalbu. Il-monument famuż tal-Ġimgħa l-Kbira li sar fl-1924 u l-ventartal tal-fidda għall-kappellun ta' San Ġużepp saru bil-ġenerożità tiegħu. Imma l-akbar opra li ħallas għaliha s-Sur Karm, kienet dik il-biċċa xogħol kolossali tad-dekorazzjoni tal-koppla ġganteska tar-Rotunda skont kif fassalha George Grognet innifsu. Dan il-proġett ambizzjuż ħa madwar seba' snin biex tlesta, bejn l-1928 u l-1936.

Is-Sur Karm Dimech kien ġie onorat mill-Papa Piju XII bid-dekorazzjoni *Pro Ecclesia et Pontefice*. Kien xieraq li dan il-benefattur kbir tar-Rotunda, jitwaqqaf mafkar tal-irħam għalih. Dan jinsab fil-kappellun ta' San Rokku. L-abbozz ta' dan il-mafkar li fuqu nsibu minquxa l-firma tal-iskultur E. Borg Gauci u d-data 1948, ġie mogħti lill-Għaqda fl-2007 mill-familja Farrugia. Dan il-bust sab postu fl-għorfa ta' fuq is-setaħ tar-Razzett tal-Markiż.




**Nicola Mallia Tabone (1894-1973)**

Fil-fatt, dan ir-razzett fl-imgħoddi kien jappartjeni lill-familja nobbli Mallia Tabone. Nicola Mallia Tabone kien is-seba' u l-aħħar Markiż f'din il-familja li ġab it-titlu ta' *Marquis di Fiddien*. Huma kienu jgħammru f'dar kbira u sabiħa fi Triq il-Bażilika, viċin tal-Uffiċċju Parrokkjali. Imma kif diġà semmejna kellhom ukoll razzett li jmur lura sas-seklu XVII, wara l-knisja fuq ix-xaqliba ta' Wied il-Għasel.

Min kien jiftakru, jiddeskrivi lil Nikol il-Markiż bħala persuna minn tagħna, qasir u rqiq, dejjem bil-ġlekk u b'kappell tat-trizza. F'dan ir-razzett kien irabbi xi annimali domestiċi u tjur bħal tiġieġ u ħamiem. Kien ukoll jaħdem l-uċuħ tar-raba' fl-akwati tar-razzett. Jingħad li l-Markiż kien jiddelitta bit-tiġrijiet taż-żwiemel u li fl-għorfa ta' fuq, kien iżomm diversi snieter għad-delizzju tal-kaċċa. Għad fadal xi anzjani Mostin li għadhom jiftakru lill-Markiż dieħel u ħiereġ mir-razzett, fi triqtu lejn in-naħat ta' Santa Margerita b'xi żewġt iklieb tal-fenek iħufu quddiemu. Nicola baqa' ġuvni sa ma miet fl-1973.

Wara mewtu, ir-razzett tal-Markiż tħalla abbandunat u b'hekk ġarrab diversi ħsarat; waqt li l-għelieqi saru proprjetà tal-Gvern u li fuqhom ġiet mibnija skola li ngħatat l-isem *Lily of the Valley*. Illum hi parti mill-Kulleġġ Maria Regina u jattendu fiha studenti f'livell sekondarju. Fl-1986 dan ir-razzett ma twaqqax biex jagħmel wisa' għat-tkabbir tal-imsemmija skola. Bis-saħħa ta' din id-deċiżjoni, dan il-patrimonju ġie restawrat u fl-1 ta' Awwissu 1998, il-Ministeru tal-Edukazzjoni għadda dan ir-razzett lill-Għaqda biex ikun il-kwartieri tagħha, bil-ftehim li tibqa' taħdem b'koperazzjoni sħiħa tal-Kunsill Skolastiku tal-istess skola. Il-Kumitat ħass li fil-faċċata tar-razzett, għandu jitwaqqaf bust ta' dan il-Markiż, għax l-Għaqda tqisu bħala benefattur. Hu xogħol tal-iskultur Mosti Savio Deguara u ġie nawgurat nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2007 mis-Sindku tal-Mosta Dr Paul Chetcuti Caruana M.D.




**Emanuel Benjamin Vella (1898-1946)**

E.B. Vella twieled il-Mosta, fl-20 ta' Ġunju 1898. Studja fl-iskola elementari ta' raħal twelidu u aktar 'il quddiem għamel kors fil-Kulleġġ *St.Mary* fl-Ingilterra. E.B. Vella kien l-ewwel Malti li kiseb il-*Board of Education Certificate* li bih seta' jgħallem fl-iskejjel elementari fl-Imperu Ingliż kollu.

Vella kien laħaq surmast u aktar tard, spettur tal-iskejjel primarji. Kien imħarreġ tajjeb fl-Ingliż, it-taljan u naturalment il-Malti. Barra minn hekk, il-Gvern kien bagħtu jistudja l-lingwi orjentali fl-Università ta' Londra. Ma għandniex xi ngħidu, li dawn kienu żminijiet meta l-edukazzjoni terzjarja kienet għal ftit wisq. Kellu ġibda naturali lejn l-arkeoloġija, fejn għen lil Sir Temi Zammit fit-tiftix arkeoloġiku, l-aktar fl-inħawi ta' madwar il-Mosta. Fit-tletinijiet, bil-kollaborazzjoni ta' Ġorġ Pisani, Vella ppubblika sensiela ta' sitt kotba ta' qari bil-Malti għal kull sena tal-iskejjel primarji tal-Gvern, bl-isem *Ġabra ta' Ward*. E.B. Vella kkonċentra wkoll fuq l-istorja ta' xi wħud mil-lokalitajiet ta' bliet u rħula Maltin. *L-Istorja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* tibqa' tfakkarna f'dan l-edukatur kbir u storjografu Mosti. Fl-1930, kien ġie mistieden biex jagħmel id-diskors tal-*Otto Settembre* għal Jum il-Vitorja, fejn kien ġie milqugħ tajjeb ferm.

F'poeżija li kien kiteb fuq dan il-Mosti, Dun Karm Psaila kien sejjaħlu bħala 'Malti Tassew' għax kien bniedem li ħabb tassew lil pajjiżu bil-fatti. Ħabb l-ilsien Malti u l-Istorja ta' Malta u fuq kollox ħabb lil għajru għax dak li tgħallem hu, ħadem kemm felaħ biex jgħaddih lill-poplu. Kien miżżewweġ lil Praxedes u kellhom tlett itfal – Reginald, Eustace u Euphrasyne. Miet fit-2 ta' Mejju 1946 fl-għomor ta' 47 sena.

Il-monument ta' E.B. Vella f'tarf triq imsemmija għalih, hu xogħol tal-iskultur Mosti Ġanni Bonnici u sar fl-1997 bit-tħabrik tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. In-neputi tiegħu s-Sur Hilary Vella kien rregala lill-Għaqda bust ta' zijuh maħdum minn Bonnici nnifsu. Dan jinsab fit-tieni għorfa tar-razzett tal-markiż u qed ifakkar il-memorja ta' dan l-edukatur, storiku u arkeologu Mosti ta' fama nazzjonali.



**Joseph A. Vella (1927-2015)**

Joseph A. Vella twieled il-Mosta nhar is-17 ta' Lulju 1927, bin Giovanni u Giovanna mwielda Dimech.

Jibqa' magħruf l-aktar bħala fotografu professjonali. Beda jieħu l-interess fil-fotografija fl-1965. Fl-1976 ingħata l-ARPS f'żewġ sessjonijiet: fil-*Pictorial* u fl-*Applied.* Tliet snin wara ngħata *Fellowship mir-Royal Photographic Society* tar-Renju Unit. Fl-1982 ingħata l-*Artist de la Federation Internationale de l'Arte Photographique* u fl-1985 ġie elett Master tal-*International Photography* mill-*International Organization of Journalists.* Fis-snin disgħin tas-seklu għoxrin ġie elett *Fellow tas-Sibiu Photography Association* tar-Rumanija u ngħata l-EFIAP u l-ESFIAP u l-EH.ISF mill-*Image Sans Frontier.* Fl-2000 ġie elett *Associate* tal-*Photographic Society of America* u membru tal-*International Affairs Committee* u sena wara ġie mogħti l-grad ta' *Associate* tal-*India International Council.*

Minbarra f'Malta, Joseph esebixxa x-xogħol artistiku tiegħu f'Moska, fir-Russja, fil-Ġermanja, fil-Belġju u f'Ċipru. Fl-1978 ġie kkummissjonat mill-Gvern Indjan biex jiġbed ritratti f'dan il-pajjiż għal promozzjoni turistika. Huwa kkalkulat li kellu mal-1000 biċċa xogħol imtellgħin f'wirjiet internazzjonali, waqt li xogħlijiet oħra jinsabu f'kollezzjonijiet privati u pubbliċi fl-Awstrija, fil-Belġju, fl-Ingilterra, fil-Pakistan, fir-Rumanija, fis-Slovakkja, fi Spanja u fl-Amerka. Għal sitt snin kien ġie vvutat bħala l-Fotografu tas-Sena f'Malta.

Għall-festi tal-Inkurunazzjoni tal-Assunta fl-1975, Joseph A. Vella kien il-fotografu uffiċjali ta' din l-okkażjoni memorabbli għall-Mostin kollha.

Apparti l-fotografija, Joseph A. Vella kien attiv ħafna fil-Mosta Scout Group u fil-Banda Nicolò Isouard, fejn kien idoqq it-trumbun. Joe, kif kien magħruf, kellu għal qalbu wkoll ix-xogħol tal-injam. Fil-fatt, hu kien twebbel li jesebixxi xogħol ta' arti u artiġjanat fir-Razzett tal-Markiż flimkien ma' uliedu Valerie u Jean Pierre. Din l-esibizzjoni ġiet inawgurata nhar is-Sibt 13 ta' Ottubru 2007 mix-xandara Mariella Pisani Bencini. Għal snin twal Joe kien membru tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti u flimkien ma' martu Maria, kienu jattendu regolarment għal xi attività jew oħra. Joseph A. Vella ħalliena fl-2015 fl-għomor ta' 88 sena.

B'ġest ta' apprezzament, it-tfal tiegħu Valerie u Jean Pierre Vella ppreżentaw lill-President tal-Għaqda Joe Bartolo, il-bust ta' missierhom xogħol l-iskultur Mosti Savio Deguara biex jibqa' tifkira ta' dan ir-raġel li għamel isem għalih, għall-Mosta u għal Art Twelidu.



**John Joseph Camilleri (1928-2012)**

John Joseph Camilleri magħruf bħala l-J.J. minn bosta nies, twieled nhar is-27 ta' April 1928. Kien miżżewweġ lil Josephine mwielda Debono u kellhom tliet ulied – Dennis, Roderick u Franklin. Twieled, trabba u għex il-Mosta. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola ta' raħal twelidu, fil-Liċeo, fl-Università ta' Malta, fl-Università ta' Londra u fl-Istitut tal-Edukazzjoni ta' Londra fejn ħa l-*Associateship of the Institute of Education* (A.I.E.)

Kien għalliem fl-iskejjel tal-gvern u lettur fl-Università ta' Malta. Fil-ktieb tiegħu *Malta li Għext Fiha,* Camilleri jirreferi għall-perjodu li għamel bħala għalliem u l-metodi li ttollera, xi wħud xejn konvenzjonali, biex iħajjar lit-tfal jattendu l-iskola. Il-J.J. kien edukatur ewlieni u kif ukoll eżaminatur tul il-karriera professjonali tiegħu. Ta s-sehem tiegħu f'diversi bordijiet tal-Gvern fosthom, fl-Awtorità tax-Xandir.

Bħala Mosti, il-J.J. kien involut ħafna fl-Iscouts, attiv bħala attur fit-teatru tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù, fil-parroċċa u fl-isports bħala President tal-Mosta F.C. Ir-Razzett tal-Markiż kien wisq għażiż għalih. Kien il-J.J. innifsu, flimkien ma' Victor Agius "ta' Kalċ", li ħabirku mal-President ta' Talent Mosti Joe Bartolo, biex din il-binja rurali Maltija ssir il-Kwartieri tal-Għaqda. Din il-paġna tad-deheb fl-istorja ta' Talent Mosti laħqet l-għan tagħha nhar l-1 ta' Awwissu 1998 u minn dakinhar 'il quddiem, il-J.J. baqa' dejjem jagħti minn qalbu l-kontribut imżewwaq tiegħu.

Fuq kollox, Camilleri kien magħruf bħala kittieb prolifiku tas-soċjo-realiżmu, u kiteb fl-antoloġiji tal-poeżiji *Kwartett* (1966) u *Antenni* (1968). Kiteb għadd ġmielu ta' rumanzi u fost ix-xogħlijiet stampati nsemmu *Aħna Sinjuri* (1965,1989), *Ulied il-Qawsalla* (1992) u *Uri Ruħek Mulej* (2008). Tana wkoll kotba

mhux fittizji bħal *Luteru: Żmien li Tibni, Żmien li Tħott* (1998) u l-awtobijografija *'Malta li Għext Fija: it-tifkiriet ta' J.J. Camilleri'* (2014), editjata minn Steve Borg. Kien imsieħeb fil-Moviment Qawmien Letterarju u fl-Akkademja tal-Malti. Xandar għadd ta' sensiliet fuq ir-radju ta' natura kulturali u folkloristika. Miet fl-età ta' 84 sena.

Il-bust ta' J.J. Camilleri hu xogħol l-iskultur Mosti Mario Borg u ġie nawgurat nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2013.

**Mons. Dun Angelo Camilleri (1930-2009)**



Dun Angelo Camilleri twieled nhar l-20 ta' Ġunju 1930. L-ewwel darba li daħal fi skola kienet dik tas-Sorijiet Agostinjani li kienet tinsab wara l-knisja tal-Mosta fi Triq il-Parroċċa. Tgħallem fl-iskola primarja tal-Mosta, u għal xi snin ukoll, fl-iskola primarja ta' Birkirkara. L-edukazzjoni sekondarja ħadha fl-iskola tal-Frères, immexxija mill-Brothers ta' De La Salle, fil-Gżira. Minn hemm daħal is-seminarju tal-Arċisqof fil-Furjana. Studja l-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università ta' Malta meta din kienet għadha fi Triq Merkanti, il-Belt. Għamel ukoll kors tal-letteratura fis-Seminarju stess, fejn tħarreġ fil-mużika u kif ukoll fil-kant Gregorjan.

Dun Anġ ġie ordnat saċerdot fis-7 ta' Awwissu 1955. Jibqa' msemmi bħala Dun Anġ tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù, għax f'dan iċ-ċentru tat-tfal u żgħażagħ wettaq bosta xogħol fejjiedi fuq medda ta' 49 sena. Dun Anġ kellu f'idejh ix-xogħol u d-disinn tat-tribuna li twaqqfet fuq iz-zuntier tar-Rotunda li fuqha seħħet il-ġrajja memorabbli tal-inkurunazzjoni tax-xbiha tal-Assunta fl-1975. Kien hu li welled il-gazzetta *Il-Mosta* fejn kien jokkupa l-kariga ta' editur. L-ewwel ħarġa kienet dik tal-1965 u l-aħħar edizzjoni bil-format il-qadim ħarġet fl-2005 bin-numru 188. Bejn l-1955 u l-1966 għallem il-Matematika u l-Ingliż fil-kulleġġi tal-Frères, De La Salle fil-Kottonera u Stella Maris fil-Gżira. Għal 24 sena kien direttur spiritwali fl-iskejjel governattivi.

Nhar is-26 ta' Settembru 1998, il-Kunsill Lokali tal-Mosta onorah bl-onorifiċenza Ġieħ il-Mosta. Fl-aħħar snin ta' ħajtu kien residenti fid-Dar tal-Kleru *Kristu Saċerdot* fl-inħawi ta' Fleur-de-Lys, f'Birkirkara. Dun Anġ kien direttur spiritwali emeritu tal-Għaqda. Ftit snin qabel mewtu lil Dun Anġ ingħatalu t-titlu ta' Monsinjur Onorarju tal-Katidral. Ħalliena fit-12 ta' Lulju 2009 fl-għomor ta' 79 sena.

L-Għaqda ħasset, li lil din il-persuna wisq maħbuba mill-Mostin, kellha tonorha f'ħajjitha stess. Għalhekk, kellmet lill-iskultur Mosti Shawn Saliba biex ifassal il-bust tiegħu, fejn ġie nawgurat nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ottubru 2008.

**Anthony Camilleri (1946-2001)**



Anthony Camilleri twieled fl-1946 u studja fl-iskola primarja tal-Mosta, fil-Liċeo tal-Ħamrun u fl-Università ta' Malta. Camilleri kien edukaturi fejn ta s-sehem professjonali tiegħu lil tant studenti fil-qasam tat-tagħlim u spiċċa l-karriera tiegħu bħala assistent kap fl-iskola primarja ta' Birkirkara.

F'żgħożitu okkupa diversi karigi fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Fl-1975 kien assistent segretarju tal-Kumitat festi esterni li ġie mwaqqaf biex jiġu organizzati l-festi tal-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari tal-Assunta. L-imħabba tiegħu għall-knisja kienet eżemplari, mistqarra f'kitbietu imma wisq iżjed fl-iemġiba tiegħu fil-ħajja ta' kuljum u fil-qadi ta' dmirijietu bħala għalliem. Kien iħobb ħafna l-lingwi u rnexxielu jitgħallem il-Grieg, il-Latin, il-Ġermaniż u l-Ispanjol u anki kien beda jitgħallem il-Ġappuniż. Żamm djarju dettaljat ta' ħajtu u ta' dak kollu li kien qed jiġri madwaru għal snin twal. Din is-sensiela ta' djarji hi sors rikk ta' informazzjoni u riflessjoni.

Anthony Camilleri kien kittieb u riċerkatur bravu. L-aqwa biċċa xogħol ta' riċerka li ħadem b'suċċess hi msarrfa fil-ktieb. *Ħbit mill-Ajru fuq ir-Rotunda tal-Mosta 1942.* Xogħol ieħor li jinsab ppubblikat fil-ktieb *Storja tal-Mosta* ta' E.B. Vella u oħrajn, u 'Il-Mosta fl-Agħar Siegħa tal-Gwerra' u 'Il-Mosta illum.' Ikkontribwixxa wkoll materjal estensiv għal 'Tifkira tal-festi tal-Inkurunazzjoni tal-Assunta – Il-Mosta 10 ta' Awwissu 1975.' Kiteb ħafna artikli u poeżiji fil-gazzetta *Il-Mosta* (Vol. I), ġurnali lokali u pubblikazzjonijiet tas-soċjetajiet Mostin maħruġa b'mod annwali għall-festa ta' Santa Marija.

Wara mewtu, nhar is-16 ta' Settembru 2004 ingħata l-Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta. Lejn l-aħħar żmien ta' ħajtu, Camilleri kien membru attiv fl-Għaqda Filantropika Talent Mosti. Is-sehem elokwenti tiegħu fil-lejliet letterarji tal-Għaqda kien ta' privileġġ kemm għall-membri tal-Kumitat kif ukoll għal kull min kien preżenti għal dawn l-attivitajiet.

Anthony Camilleri baqa' ġuvni sa ma miet fl-għomor ta' 55 sena. L-Għaqda ħasset id-dmir li tfakkar lil dan iċ-ċittadin eżemplari billi twaqqaf bust f'ġieħu fis-sede tagħha. Ħadem fuqu l-iskultur Mosti Omar Camilleri u ġie nawgurat nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ottubru 2008.

**Dr Ġorġ Mifsud Chirchop (1951-2007)**



Ġorġ Mifsud Chircop twieled f'Ħal Qormi fl-1951. Ma twelidx il-Mosta imma minn ħajja ta' 56 sena għadda 30 sena minnhom f'din l-akbar parroċċa fil-gżejjer Maltin. U bir-raġun, Ġorġ kien iqis lilu nnifsu bħala Mosti wkoll.

Ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi u fl-Università ta' Malta minfejn kiseb B.A. (Hons.), M.A., P.G.C.E. u Ph.D. Huwa speċjalizza fit-teorija u l-prattika tal-folklor ta' art twelidna. Ġorġ Mifsud Chircop kien Senior Lecturer tal-Malti fil-Kulleġġ Universitarju kif ukoll fl-Università, u għallem ukoll fil-Kulleġġ San Alwiġi.

Kienu bosta dawk li fittxewh bħala konsulent u editur letterarju. M'hemmx dubbju li għal eluf ta' studenti, kien ta' ispirazzjoni ewlenija ħalli tixxettel u titrawwem fihom l-imħabba lejn ilsienna. It-tagħlim tiegħu kien firxu saħansitra fuq l-istazzjonijiet tar-radju fejn bix-xandiriet tiegħu għallem u stinka biex il-poplu japprezza lsien art twelidu u l-kultura rikka tiegħu. Mifsud Chircop għal sentejn kien president tal-Għaqda tal-Għalliema tal-Malti u kif ukoll ħejja bosta kotba adattati għall-istudenti.

Hu kien ferm attiv fil-qasam tal-kultura fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Mosta, fejn kien fdat bil-proġett tal-U.E. SMART, li kien qed isir mal-belt ta' Ragusa fi Sqallija. Kien għal xi żmien jieħu ħsieb itella' attività ta' folklor u snajja' fl-isfond ta' wirja agrarja li kienet tiġi organizzata lejliet il-Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret li ssir fil-Bidnija. Pari passu ma' din l-attività, fil-Quddiesa ta' lejliet din il-festa, kien jirsisti biex jgħaqqad grupp ta' għannejja u kitarristi biex jagħtu sehemhom fil-liturġija permezz tal-għana Malti. Tajjeb li wieħed ikun jaf, li Mifsud Chircop kien attiv ħafna biex reġa' ta l-ħajja lill-għana Malti kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Huwa kien ukoll lettur waqt il-quddies fir-Rotunda.

Il-memorja tiegħu għadha ċara f'moħħ il-membri tal-Għaqda, meta kien ġie fir-Razzett tal-Markiż nhar id-9 ta' Ġunju 2000 u ta taħdita rriċerkata dwar il-kultura tagħna l-Maltin.

Ġorġ Mifsud Chircop kien miżżewweġ lil Marlene u kellhom żewġt ulied, Bèrènice u Jerome.

L-Għaqda għandha l-unur li rsistiet biex jitwaqqaf mafkar fis-sede tagħha biex il-memorja tiegħu tibqa' fi ħdanha għal tul is-snin. Il-bust tiegħu ġie maħdum mill-iskultur Mosti Savio Deguara u ġie inawgurat nhar is-Sibt 18 ta' Settembru 2010.

**Sammy Calleja (1952-1997)**



Sammy Calleja twieled il-Mosta. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-Mosta u fl-iskola sekondarja tan-Naxxar.

Minn dak iż-żmien, Calleja beda jikteb xi poeżija jew novella. *Vapuri tal-Karti* u *Fix-Xitwa ta' Ħajjithom* huma żewġ rumanzi oriġinali mill-pinna tiegħu u kif ukoll qaleb għall-Malti r-rumanz *The Pearl* (Il-Perla) ta' John Steinbeck. Hu wkoll l-awrur ta' ġabra ta' novelli u ko-awtur ta' poeżiji f'antoloġiji. Irnexxielu jirbaħ konkorsi prestiġjużi kemm f'pajjiżna u fl-Italja.

Kien ukoll l-editur tar-rivista tal-istudenti *Lejn ix-Xefaq* li nibtet u kibret fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù fil-Mosta. Mill-1976 kien responsabbli mill-paġna kulturali tal-ġurnal *In-Nazzjon*. Lejn l-aħħar tas-snin sebgħin ipproduċa u mexxa programmi letterarji fuq Radju Malta.

Bla dubbju ta' xejn, l-Innu tal-Mosta kien wisq għal qalbu, immużikat mis-Surmast Mosti Victor Zammit. Dan l-innu jaċċenna għal dak li għaddiet minnu l-Mosta. Jagħmel referenza wkoll għall-aktar wied importanti li jgħaddi jserrep mill-Mosta, il-famuż Wied il-Għasel. L-innu jagħlaq billi f'isem il-Mostin kollha jawgura lill-Mosta kull xewqa sabiħa u jistqarr li għall-Mostin m'hemm xejn isbaħ minn belthom.

Kien Sammy Calleja li ħolom b'serati letterarji fil-Mosta meta fis-snin sebgħin kien waqqaf il-Grupp Letterarju Ninu Cremona, li tiegħu kien direttur. Fuq kollox, Calleja kien minn tal-ewwel li għaraf l-għanijiet kulturali wiesgħa li riedet twettaq l-Għaqda sa mill-fondazzjoni tagħha fl-1983.

Din il-persuna, kellha talent ieħor marbut ma' qalbha. Hu studja l-arti taħt Esprit Barthet u Harry Alden. Kellu ġibda naturali lejn ix-xogħol tal-kartapesta fejn tgħallem taħt l-istatwarju l-Kav. Alfred Camilleri

Cauchi. Ħadem xogħol espressiv, l-aktar b'tema sagra. Fil-knisja tal-Mirakli f'Ħal Lija, jinsab kurċifiss li ssawwar b'abiltà artistika u b'fidi soda. Xogħlijiet oħra li ħadem Sammy Calleja jinsabu f'numru ta' djar privati, f'għadd ta' lokalitajiet Maltin.

Sammy Calleja kien miżżewweġ lil Doris u kellhom żewġ ulied, Maria u Stefania. Ħalliena fl-età ta' 45 sena. Il-bust tiegħu ġie maħdum mill-iskultur Imqabbi Antonio Mifsud u ġie inawgurat nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Lulju 2007, fi tmiem serata ta' tifkira f'għeluq l-għaxar anniversarju mill-mewt ta' Sammy Calleja.

**Niftakru u nfakkru**

Dawn id-disa' Mostin, flimkien ma' oħrajn, jinsabu mfakkra biswit xulxin. Għax ilkoll kemm huma taw is-sehem utli tagħhom ħalli l-Għaqda timxi 'l quddiem u kif ukoll, ilkoll irsistew biex jgħollu 'il fuq l-identità nazzjonali tagħna. Kienu personaġġi minn żminijiet differenti. Għalhekk hu dover li aħna li llum niffurmaw parti ħajja minn din l-Għaqda, niftakru u nfakkru lil dawn sħabna li fil-passat riċenti jew f'dak imbiegħed, taw il-kontribut tagħhom għas-soċjetà ta' madwarhom u għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Fir-Razzett tal-Markiż, il-viżitatur għandu l-opportunità li jagħtihom tislima xierqa biex isimhom jibqa' wieħed awtentiku u mżejjen bil-ġieħ li jisthoqqilhom. Illum hu fatt magħruf, li l-Għaqda Filantropika Talent Mosti għandha għarfien fuq livell nazzjonali. Imma d-disa' busti ta' dawn il-personaġġi ħutna huma xhieda, li għeruqha huma purament Mostin għax jinsabu mfandin fl-istorja u ġrajjiet il-Mosta. U ta' dan, aħna kburin!

*Riferenzi:*


George Cassar – Louis Vassallo – *Minn tiġrib il-qedem Il-Mosta tfassal ġrajjietha* (Malta, 2008)

Joseph Borg – John A. Sant *It-Toroq tal-Mosta* (Malta, 1998)

J.J. Camilleri *Malta li Għext Fiha,* editur Steve Borg (Malta, 2014)

Michael J. Schiavone *Dictionary of Maltese Biographies* Voll. II G-Z (Malta, 2009)

Soċjetà Filarmonika Santa Marija – Mosta Annwal 2020 – *Emanuel Benjamin Vella:Profil u kommemorazzjoni.* Kitba ta' Sergio Grech

Skripts ta' diversi serati kommemorattiva għall-inawgurazzjoni tal-busti fir-Razzett tal-Markiż minn Louis Vassallo

Frans Deguara, Editur, *Il-Mosta Ġrajjietha u Niesha* (Malta, 2008)


